MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru. 327/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ronald M. Galea ta' 64 sena, iben Joseph u Antonia nee' Bonello,**
**imwieled Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1943 u li joqghod 'Capitol Mansions', Block B, Flat 12, Triq Mattew Pulis, Sliema, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 504743(M)**

**U**

**John Magro ta' 52 sena, iben Emanuel u Lilian nee' Cauchi,**
**imwieled Victoria (Gozo), fl-20 ta' Awwissu, 1955 u li joqghod 108, Triq ir-Repubblika, Victoria, (Gozo), detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 50955(G)**

**U**

**Michael Magro ta' 51 sena, iben Emanuel u Lilian nee' Cauchi,**
**imwieled Victoria (Gozo), fit-18 ta' Settembru, 1956 u li joqghod**
**'St Mary', Triq il-Kastell, Victoria, (Gozo), detentur tal-karta tal-identita' numru 52156(G)**

**U**

**Nicholas Magro ta' 25 sena, iben John u Lynn (Carmela) nee' Camilleri,**
**imwieled Pieta' fit-19 ta' Frar, 1983 u li joqghod**
**108, Triq ir-Repubblika, Victoria, (Gozo), detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 217183(G)**

**Il-Qorti,**

1) Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija Ronald M. Galea, John Magro u Michael Magro fil-kapacita' taghhom ta' Diretturi ta' Magro Brothers (Foods) Limited u lil Nicholas Magro fil-kapacita' tieghu ta' assistent tas-Sales Manager fl-istess kumpanija li gew akkuzati talli nhar it-2 ta' April, 2003 ghall-habta tal-11.50a.m. naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollja sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku fejn weggha u sofra feriti gravi impjegat u cioe' George Vella, skond kif iccertifika Dr. Patrick Sciberras M.D., u dan ai termini tal-Artikoli 6(1), (2) u (3) ta' l-att 27/2000 Kap 424:
2) Akkuzati wkoll talli persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqsu milli jizguraw li kull bicca makkinarju tkun giet ezaminata minn persuna kompetenti mill-inqas darba kull zmien ta' erbatax-il xahar u jzommu

registru li fih inizzlu l-partikolaritajiet stipulati ta’ kull ezami u meta johrog mill-ezami li makna li ttellgha l-oggetti ma tistax tkompli tintuza minghajr periklu hlief jekk isirulha tiswijiet immedjati jew fi zmien stabbilit, min jaghmel ir-rapport tal-ezami ghandu, fi zmien tmienja u ghoxrin jum minn meta jkun temm l-ezami jibghat kopja tar-rapport lill-Awtorita’ ghas-Sahha u Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 17 (2) ta’ l-A.L. 52/1986 ;

3) Akkuzati wkoll talli persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqsu milli jizguraw li kull bicca makkinarju tkun giet ezaminata minn persuna kompetenti mill-inqas darba kull zmien ta’ erbatax-il xahar u jzommu registru li fih inizzlu l-partikolaritajiet stipulati ta’ kull ezami u meta johrog mill-ezami li makna li ttellgha l-oggetti ma tistax tkompli tintuza minghajr periklu hlief jekk isirulha tiswijiet immedjati jew fi zmien stabbilit, min jaghmel ir-rapport tal-ezami ghandu, fi zmien tmienja u ghoxrin jum minn meta jkun temm l-ezami jibghat kopja tar-rapport lill-Awtorita’ ghas-Sahha u Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 17 (2) ta’ l-A.L. 52/1986 ;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok fil-kors ta’ trattazzjoni giet sollevat mid-difiza illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova illi George Vella kien impjegat mas-socjeta’ Magro (Food) Limited kif imharrkin l-imputati bhala Diretturi tal-istess socjeta’ u Nicholas Magro fil-kapacita’ tieghu ta’ Assistant Sales Managaer f’ hdan l-istess kumpanija;

Illi fix-xhieda tieghu George Vella kkonferma illi hu kien impjegat mas-socjeta’ ta’ Magro pero’ ma ndikax ma’ liema socjeta ta’ Magro Brothers huwa kien impjegat. Madanakollu d-difiza lanqas ma resqet prova illi fil-fatt l-imputati huma Diretturi ta’ xi socjetajiet kummercjali ohra kif qed jallegaw. Illi mid-dokument ‘A’ irrizulta illi l-imputati

kienu Diretturi ta' din is-socjeta' u allura dina d-difiza ma tistax tintlaqa';

L-istess ma jistax jinghad madanakollu fil-konfront ta' Nicholas Magro li huwa mharrek fil-kapacita' tieghu ta' Asistent Sales Manager peress illi dina l-prova ma tirrizultax. Jirrizulta biss illi kien certu Nicholas Magro sewwieq tal-forklifter li bih George Vella wegga'. Kwindi l-akkuzi fil-konfront tieghu ma jistghux jirrizultaw;

Illi fir-rigward tal-mertu tal-kawza l-Qorti ma tistax hlief tistrieh fuq ix-xhieda ta' George Vella u dan peress illi Louis Coleiro li kien acceda fuq il-post u mexxa l-investigazzjonijiet f'dan il-kaz ghan-nom tal-Awtorita' ma ftakarx wisq dettalji;

Illi fix-xhieda tieghu George Vella jghid illi kien huwa minn jeddu li ddecieda jitla' b'forklifter sabiex igib il-kampjuni minn fuq il-bottijiet u ma telax b'saqajh kif soltu jaghmel. Illi huwa lanqas uza l-gagga kif kien gie moghti l-istruzzjonijiet mis-superjuri tieghu biex jaghmel. Fuq kollox qabbad persuna biex isuq il-forklifter li hu kien jaf ben tajjeb li ma kienx xoghlu li jsuq il-forklifter. Kwindi l-Qorti ma tistax hlief tipponta subajha lejn George Vella stess li ma uzax diligenza kif suppost fix-xoghol tieghu, kien traskurat u spicca wegga';

Illi ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova b'mod konklussiv illi fil-fatt l-imputati naqsu li jiccertifikaw il-forklifter u dana permezz tad-dokumenti apposta. Kwindi lanqas dawn l-akkuzi ma jirrizultaw ippruvati;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba l-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------